MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Numru. 288/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**RAYMOND CAMILLERI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Raymond Camilleri bin John u Stella nee` Cassar imwieled fis-6 ta' Jannar 1964 u residenti Nru 26, Sqaq Papa Klement XIV, Gharb, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 26464 M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-23 ta' Frar 2004 ghall-habta tas-7:00 a.m. gewwa r-residenza matrimonjali sitwata 26, Sqaq Papa Klement XIV, Gharb, Ghawdex

1. Hebb kontra martu Maria Elizabeth Camilleri Schram sabiex idejjaqha jew biex jaghmlilha hsara skond l-artikolu 339 (d) tal-Kap 9
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, ingurja jew hedded li joqtol lil martu Maria Elizabeth Camilleri Schram, skond l-artikolu 339 (e) tal-Kap 9

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil mart l-imputat Marie Elizabeth Camilleri Schram, lil PC 610 u lill-imputat Raymond Camilleri jixhed minn jeddu b'mod volontarju;

Rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 339 (d), (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-akkuzi jinsabu pruvati mill-prosekuzzjoni u anke mix-xhieda ta' l-imputat stess hu ammetta li ppunta subajgh f'wicc martu u kien irrabjat u attiz bid-decizjoni li hadet li titilqu u in effetti gholla l-vuci tieghu fil-konfront taghha;

Il-Qorti tiddikjara li qed issib lil-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) fuq kull akkuza;

Inoltre tobbligah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur sabiex ma jimmolestax lil martu taht penali ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fin-nuqqas u dan ai termini ta' l-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------